# Il-Pittur Mario Caffaro Rore

Minn John Bisazza



Mario Caffaro Rore twieled ġewwa Turin fl-Italja fis-26 ta' Frar 1910. Sa minn ċkunitu wera ġibda kbira lejn l-arti minħabba li missieru kien jorganizza wirjiet tal-arti tal-aqwa pitturi Taljani tas-sekli dsatax u għoxrin. Kien imrobbi f'ambjent reliġjuż li waqt l-istudji tiegħu tal-arti nissel fih imħabba kbira lejn is-sagru. Fl-iskola fejn kien jattendi l-għalliem tiegħu Ambrogio Ghezzi intebaħ li Mario kellu talent artistiku li jiġi żviluppat iżjed 'il quddiem f'ħajtu. L-għalliem ħajru biex jibda jistudja l-arti fl-*Accademia di Belle Arti* ġewwa Firenze fejn malajr beda miexi 'l quddiem fit-taħriġ tiegħu; l-ikbar problema tiegħu kienet ir-riżervatezza u l-mistħija li xekklulu l-possibbiltà li joħroġ fid-dinja tal-arti iżjed kmieni. Fil-ħajja privata tiegħu kien bniedem spiritwali ħafna u dan kien ta' għajnuna kbira biex seta' jidħol fl-ispirtu tax-xogħlijiet tiegħu b'mod li dak li kien jittratta kien trażmess minn xi ħaġa iktar profonda minn sempliċi pittura sagra. Il-pittura tiegħu bdiet tingħaraf mill-ewwel minħabba t-teknika mdawla tipika li tant kien qiegħed isir magħruf għaliha. Matul is-snin tletin tas-seklu għoxrin l-apprezzament lejn il-pittura tiegħu beda dejjem jiżdied ġewwa l-Italja l-iktar f'belt twelidu fejn kien midħla sewwa tal-patrijiet Salesjani. Waħda mill-iżjed pitturi popolari tiegħu hija dik ta' San Ġwann Bosco li ġiet riprodotta f'santi li jinstabu mxerrda mad-dinja kollha. Kien jaħdem ukoll bħala skultur iżda l-pittura kienet l-iktar talent li sar magħruf għalih. Kien pittur appassjonat tas-sagru – kif jixhdu l-ħafna xogħlijiet tiegħu fit-tempju ta' Don Bosco f'Turin.



***Il-Madonna tar-Rużarju – Pittura prinċipali fil-Kappellun tar-Rużarju***

Fl-1949 il-Ġiżwita Malti Patri Daniel Gravina ltaqa' ma' Caffaro Rore ġewwa l-Italja li wara li ra xi xogħol tiegħu talbu jpinġilu pittura tal-Qalb ta' Marija; lura Malta tkellem ma' bosta kritiċi tal-arti dwar is-sbuħija tal-pitturi tiegħu. L-Arċisqof Gonzi tant kien baqa' impressjonat b'xi ritratti tax-xogħlijiet ta' Caffaro Rore li wara konsultazzjoni mal-Kapitlu tal-Katidral stiednu biex ipitter il-koppla tal-Katidral tal-

Imdina. Il-pittur aċċetta l-istedina u f'Ottubru tal-1954 beda x-xogħol li tlesta f'nofs is-sena ta' wara. Waqt li kien jinsab f'pajjiżna esegwixxa numru ta' xogħlijiet li llum jinsabu f'kollezzjonijiet privati. Żewġ pitturi tassew espressivi huma *'Marija Omm il-Ħniena'* li tinsab fid-Dar tal-Irtiri Mount St.Joseph fil-Mosta, u *'Marija Reġina tal-Familja'* li tinsab fil-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb fir-Rabat, Għawdex. Din tal-aħħar pinġiha fl-aħħar snin ta' ħajtu.



***Marija żżur lill-qariba tagħha Santa Elizabetta***

Meta l-**Knisja ta' Stella Maris** kienet infetħet wara l-ħerba tal-gwerra kienu ġew irrestawrati l-abside ta' Calì' u l-kwadru titular, iżda tmien kwadri kbar fil-kappelluni u tnejn iżgħar fil-kor, impinġija mit-Taljan Filippo Venuti kienu ntilfu għal kollox. Waqt li Caffaro Rore kien impenjat fuq il-pittura tal-koppla tal-Katidral il-Kappillan Inguanez avviċinah u talbu xi buzzetti għal tmien kwadri tal-kappelluni, tnejn kbar għall-artali tad-Duluri u tal-Madonna tar-Rużarju, u tnejn iżgħar għal ġewwa l-kor. Wara li l-proġett kien ġie approvat mill-awtoritajiet tal-kurja, il-pittur beda x-xogħol fuq il-pitturi fl-1956 u li tlestew kollha sal-aħħar tal-1959. Il-kwadri juru episodji diversi fil-ħajja tal-Madonna li kellha post ewlieni fil-ħidma tiegħu. Fl-awtobijografija tiegħu: *Mario Caffaro Rore – Pittore – Scultore* ippublikat fl-1984 il-pittur iddedika ħafna spazju lix-xogħol tiegħu fil-knisja ta' Stella Maris.



***Il-Ħarba tal-Eġittu (dettall) Kappellun tad-Duluri***

Kienu qamu xi kontroversji dwar jekk il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju ta' Lazzaro Pisani mpitter fl-1891 kellux jinbidel ma' wieħed ġdid. Il-ħsieb kien biex iż-żewg kappelluni jkollhom il-kwadri kollha tal-istess pittur. Kif spiss jiġri, kull ħaġa ġdida, l-iżjed jekk tkun xi opra artistika jew arkitettonika ddum ma tiġi aċċettata. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li f'nofs is-seklu għoxrin xi artisti ta' wara l-gwerra kienu qed jiġu kkritikati għal stili ta' ikonografija inqas tradizzjonali mis-soltu; Dan ġara wkoll fil-każ ta' Caffaro Rore – min esprima l-fehma li kien modern wisq, min ħaseb li xi wħud minnhom ġew esegwiti minn xi student tiegħu, min saħansitra ma setax jifhem il-kompożizzjoni taż-żewġ kwadri fil-kappellun tar-Rużarju fejn f'wieħed jidher il-Papa Piju V qed jitlob lil Marija waqt il-Battalja ta' Lepanto (1571) u fl-ieħor permezz ta' invenzjoni tassew kreattiva juri lill-Papa Piju IX, il-Papa tad-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni (1854) fuq naħa u l-Madonna waqt



*Il-Kruċifissjoni ta' Ġesù Kristu – Pittura prinċipali fil-Kappellun tad-Duluri*

waħda mid-dehriet f'Lourdes fuq in-naħa l-oħra tal-pittura. Waqt li kien impenjat fuq il-pitturi ta' Stella Maris il-kappillan beda jilgħab mal-ħsieb li jsir kwadru titulari ġdid biex jaqbel mal-istil tat-tnax-il pittura l-ġdida. B'xorti tajba rebaħ is-sens komun u l-kwadru antik ta' preġju artistiku kbir tas-seklu sittax baqa' ma nbidilx. (ta' min isemmi li l-kwadru għadu kemm ġie rrestawrat b'mod tassew professjonali mir-*Recoop: the Restoration and Conservation Co-Operative Ltd.* Pittura oħra li saret b'ċerta abbilità influwenzata b'ċerta ħila immaġinattiva hija dik tal-Kruċifissjoni li tinsab imdendla fuq l-altar tad-Duluri. Minbarra x-xena tradizzjonali tal-kalvarju, meta wieħed iħares u jifli sewwa n-naħa tax-xellug, fil-għoli tidher ir-ras ta' Disma, magħruf bħala l-ħalliel it-tajjeb, iħares bil-ħniena lejn Ġesù msallab. Il-pitturi ta' Caffaro Rore fil-Knisja tagħna, minbarra li juru l-kapaċitajiet kulturali tiegħu, jittrażmettu wkoll suġġetti immaġinattivi, influwenzati minn kultura Kattolika qawwija.

Il-pitturi fuq imsemmija jissemmew bi prominenza fil-publikazzjoni tas-snin tmenin tas-seklu għoxrin dwar il-pitturi kontemporanji Taljani ta' dak iż-żmien fil-kapitlu li jitratta lil Caffaro Rore. Minkejja li kellu 'l fuq minn tmenin sena kien ta' sikwit iżur Malta fejn kellu xi ħbieb fl-Imdina kif ukoll f'Għawdex, fejn fl-1999 ħadem pittura kbira tan-Nawfraġju ta' San Pawl għall- Bażilika ta' San Ġorġ; għall-okkażjoni nżammet wirja ta' pitturi tal-artist fl-istess Bażilika.

Fl-età avvanzata tiegħu Caffaro Rore kien għadu jippossjedi rikkezza kbira ta' ideat u viżjonijiet kreattivi li normalment wieħed kien isibhom f'artisti iżjed żgħażagħ minnu. Ftit xhur qabel ma miet, fost affarijiet oħra kiteb dwaru stess... ***Minn kemm talenti tani l-Mulej, ma jirnexxilix ngħoddhom, iżda nista' ngħid li nqdejt bihom bl-aħjar mod...***

Mario Caffaro Rore miet fis-sajf tas-sena 2001 fl-għomor ta' 91 sena.

**Riferenzi:**

Times of Malta 12/8/196
Tislima lil Mario Caffaro Rore Fr. Carmelo Zammit S.D.B. – Ħajja Sależjana Jannar 2002
Fuljett maħruġ minn Dr. P.G.Pisani LL.D. fl-okkażjoni ta' Wirja fil-Bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex – Ottubru 1999.
Informazzjoni miksuba permezz ta' korrispondenza mingħand il-pittriċi Adriana Caffaro Rore bint il-pittur.